# MARL

# Fuljett maħruġ mill-MARL

# Għad-Dilettanti tar-Radju

# Maltin u Għawdxin

## Numru 5

### Diċembru 2005

# Fiċ-Ċentru mhux




# permess tipjip

## Mill-Editur

Ħbieb,
Nilqagħkom għall-edizzjoni tal-Milied 2005 li hija l-ħames edizzjoni ta' dan il-fuljett.

Bħal ma jaf kull min jiġi saċ-Ċentru, għamilna jew se nagħmlu antenni biex min irid ikun jista' juża l-apparat tar-radju tagħna fuq il-frekwenzi kollha tiegħu.

Bi ħsiebna nwaħħlu l-antenna tal-1.8 Mhz li kienu tawna l-Olandiżi li ilhom jiġu kull sena biex joqgħodu jaħdmu minn hawn Malta. Inroddulhom ħajr ta' din l-antenna.

B'hekk ma jkunx hemm skuża li min irid jaħdem fuq il-160 metru ma jistax. Għandkom sat-8 ta' filgħaxija nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ħamis meta jiftaħ iċ-Ċentru biex tagħmlu hekk.

Waħħalna wkoll antenna tat-80 Metru biex min ikun irid jaħdem fuq din il-frekwenza jkun jista'.

Waħħalna antenna wkoll għall-40 Metru, li kif tafu issa tkabbret u nistgħu nużaw bejn is-7.0 Mhz u s-7.2 Mhz. Aktar 'il quddiem trid tkompli titkabbar biex issir sas-7.3 Mhz kif kienet snin ilu, għalkemm jidher li din il-parti bejn is-7.2 Mhz u s-7.3 Mhz se tkun maqsuma ma' servizzi oħra.

Infakkrukom li din kellha titkabbar sas-7.2 Mhz mis-sena 2009 'il quddiem.

Madankollu, minħabba li l-awtoritajiet ta' kull pajjiż jistgħu jagħtuha qabel dak iż-żmien, aħna għamilna r-rappreżentanza tagħna ma' l-Uffiċċju tat-Telegrafija Mingħajr Fili fejn kif tafu irnexxilna ningħataw dan it-tkabbir minn din is-sena.

Biex inkunu ċerti li jkollna antenni dedikati għall-frekwenzi kollha waħħalna wkoll antenna għall-10 Mhz, u hemm min sejjer jagħmel waħda li ddur għall-10 Mhz għat-18-il Mhz u għall-24 Mhz.

Kienet inxtrat antenna biex it-transriċevitur ikun jista' jitħaddem fuq il-50 Mhz, 144 Mhz u 430 Mhz. Minflok kienet intużat fuq il-beacon tal-50 Mhz minħabba li l-antenna li kien hemm qabel spiċċat.

Issa għandna antenna biex tintuża fuq il-beacon grazzi għall-wieħed minn sħabna, waqt li l-antenna l-oħra li kienet ġiet mixtrija tista' titwaħħal mat-transriċevitur biex b'hekk l-apparat ikun jista' jintuża wkoll fuq il-50 Mhz u 144 Mhz.

Minħabba li t-transriċevitur il-ġdid IC7400 ma kellux il-frekwenzi kollha minħabba li huwa mudell għall-Italja, irranġajna biex dan jiġi modifikat biex ikun jista' jintuża fuq il-frekwenzi li nistgħu nużaw hawn Malta.

Issa li ghandna antenni għall-frekwenzi kważi kollha, tajjeb li nibdew narawkom aktar fiċ-Ċentru.

Lawrence
9H1AV / 9H9MHR

## Mill-Ktieb ta' l-Istorja

Biex jibqa' kollox miktub fil-ktieb ta' l-istorja, illum se naghtukom l-Istatut li kellha l-ewwel għaqda tar-radju Maltija, li kienet magħrufa bħala Malta Radio Society.

Dan l-Istatut kien magħmul bl-ilsna Ingliż u Taljan, għaliex dak iż-żmien l-ilsien Malti ma kienx għadu ngħata l-importanza li jixraqlu bħala l-ilsien tal-ġens Malti.

B'radd il-ħajr lil Walter Gatt, 9H1DU, li għaddieli kopja ta' dan l-Istatut.

**1. *Titolu* -**
L-isem tas-Soċjeta' huwa "Is-Soċjeta' tar-Radju ta' Malta."

**2. *Għan* -**
L-għan tas-Soċjeta huwa t-tmexxija 'l quddiem tal-materja kollha li għandha x'taqsam mat-Telegrafija tar-Radju u t-Telfonija; biex tħajjar l-avvanz ġenerali tax-Xjenza tar-Radju u l-applikazzjonijiet tagħha u biex tgħallem żgħażagħ biex isiru operaturi tat-telegrafija mingħajr fili fuq il-bastimenti jew barra.[1]

Il-membri jkollhom il-vantaġġi li ġejjin:-

a) Parir tekniku dwar ir-riċevituri tagħhom;
b) Lezzjonijiet ta' tagħlim minn persuni kompetenti dwar ir-Radju;
c) Eventwalment, post għal-laqgħat fejn kotba, ġurnali u perjodiċi dwar it-telegrafija mingħajr fili jkunu jistgħu jinstabu b'rapporti dwar il-progress u żvilupp ta' Stazzjonijiet ta' Trasmissjoni u anki Riċevituri;
d) Ittri ta' rakkomandazzjoni lil membri li jkunu jixtiequ jżuru fi bliet barranin.

**3. *Sħubija* -**
Is-Soċjeta' tikkonsisti minn Membri Ordinarji, Onorarji u Korrispondenti.

Il-Membru huma ntitolati li jużaw l-ittri M.M.R.S. wara isimhom.

**4. *Sħubija ta' Membri* –**
Kull kandidat għas-sħubija jrid ikun propost u sekondat minn żewġ membri.

Ebda persuna li l-applikazzjoni tagħha tkun miċħuda ma tista' terġa' tiġi proposta għas-sħubija qabel sena mid-data taċ-ċaħda.

**5. *Riżenja* –**
Membri jistgħu jirriżenjaw billi jinfurmaw lis-Segretarju bil-kitba, mill-anqas xahar qabel tmiem is-sena.

**6. *Tkeċċija* –**
Kull membru li l-kondotta jew l-imġiba tiegħu tagħmlu mhux dehen li jifforma parti mis-Soċjeta' jiġi mkeċċi.

[1] Barra minn Malta

Biex jitkeċċa membru huwa meħtieġ li żewġ terzi tal-voti f'Laqgħa Ġenerali jkunu favur it-tkeċċija.

**7. *Ħlasijiet* –**
Il-Membri għandom iħallsu ħames xelini[2] fis-sena, jitħallsu kull sitt xhur bil-quddiem, jiġifieri mill 1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju u mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru.

Tkun xi tkun id-data tad-dħul, membri ġodda iridu jħallsu tas-sitt xhur kollha li matulhom huma jiddaħħlu. Il-ħlas jorbot minn sena għal sena. Sħubija ta' persuni mdaħħla matul it-tieni nofs tas-sena 1927 jorbot sal-31 ta' Diċembru 1928.

Kull membru li jirriżenja matul sitt xhur li jkunu diġa' bdew, huwa marbut li jħallas għas-sitt xhur kollha.

**8. *Membri lura fil-ħlas* –**
Membru li jkun lura fil-ħlas tiegħu għal żewġ sitt xhur wara xulxin għandu jiġi mgħarraf mit-Teżorier u jekk jonqos li jħallas fi żmien ħmistax-il jum mid-data li fiha jiġi mgħarraf ismu jista' jitħassar mil-Lista tal-Membri tas-Soċjeta'.

Kull membru hekk imħassar mil-Lista tal-Membri tas-Soċjeta' jista' jerġa' jiddaħħal mingħajr vot wara li jħallas dak li jkun dovut u qabel jittieħdu xi proċeduri ġudizzjarji.

**9. *Uffiċjali u Membri tal-Kumitat* –**
L-Uffiċjali huma: President, Viċi-President, Teżorier, Segretarju, Assistent Segretarju li flimkien ma sitt Membri jiffurmaw il-Kumitat ta' Tmexxija.

**10. *Ħatra tal-Kumitat* –**
Il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jinħatar b'vot sigriet u b'maġġoranza ta' voti matul l-aħħar ħmistax f'Diċembru ta' kull sena bl-eċċezzjoni tal-Kumitat preżenti li għandu jibqa' fil-ħatra sal-31 ta' Diċembru 1928.

**11. *Il-President u Vice President* –**
Ebda membru ma jkun eliġibbli għall-post ta' President sakemm huwa ma kienx membru tal-Kumitat għal mill-inqas sena.

[2] 25 Ċenteżmu

**Il-President għandu :-**

a) Jippresidi f'Laqgħat tal-Kumitat u Laqgħat Ġenerali.
b) Jiffirma atti soċjali, il-minuti u d-dokumenti mportanti l-oħra kollha tas-Soċjeta'.
c) Jara li s-Soċjeta' timxi skont ir-regoli tagħha.
d) Iżomm l-ordni waqt il-laqgħat.
e) Jikseb it-tmexxija tajba u l-progress tas-Soċjeta'.
f) Isejjaħ Laqgħat Ordinarji kif ukoll Laqgħat Ġenerali.
g) Jagħmel rapport dwar ix-xogħol tas-Soċjeta' matul is-sena.

Fin-nuqqas tal-President id-dmirijiet tiegħu għandom isiru mill-Viċi President u fin-nuqqas ta' dan ta' l-aħħar, minn membru, magħżul mill-Kumitat.

**12. *It-Teżorier –***
It-teżorier huwa fdat mid-dħul u l-ħruġ kollu tas-Soċjeta', u jħares u jkun responsabbli għall-fondi soċjali. Huwa m'għandux jonfoq xi somma ta' aktar minn ħames xelini mingħajr il-kunsens tal-Kumitat u jkun id-dmir tiegħu li jinnota[3] l-ispejjeż kollha.

Huwa għandu jiddepożita f'bank magħżul mill-Kumitat kull ammont aktar minn għaxar liri sterlini, u jiġbed flus b'ċekk iffirmat minnu u mill-President jew dak li jkun jaġixxi minn flok dak ta' l-aħħar.

Huwa għandu jiġbor is-sħubija kollha matul l-ewwel ħmistax ta' kull sitt xhur, u jagħti rendikont tas-sena ta' qabel fil-laqgħa miżmuma f'Jannar, biex b'hekk ikun awditjat minn żewġ membri magħżula fl-istess laqgħa li jirrapurtaw dwaru matul il-laqgħa li jmiss.

Huwa għandu jirrappreżenta lis-Soċjeta' fil-Qorti, f'materji finanzjarji.

**13. *Is-Segretarju u l-Assistent Segretarju –***

a) Huwa għandu jżomm ktieb tal-Laqgħat tal-Kumitat u laqgħat Ġenerali u jniżżel fih il-minuti rispettivi.
b) Huwa għandu jniżżel ma' kull minuta l-ordni tal-jum; (Aġenda)
c) Huwa għandu jżomm il-korrispndenza kollha u għandu jżomm ktieb għall-ittri kollha riċevuti u kopji ta' dawk li huwa jibgħat;
d) Huwa għandu jgħarraf b'ċirkolari, Laqgħat tal-Kumitat kif ukoll Laqgħat Ġenerali mhux inqas minn erbat' ijiem qabel il-jum iffissat għal kull laqgħa, ħlief f'każi urġenti meta l-ħin tal-laqgħat għandu jkun iffissat mill-President;
e) Huwa għandu jaqra l-ordni tal-jum, juri kull mozzjoni li trid tiġi diskussa u eventwalment deċiża.
f) Huwa għandu jgħarraf b'ittra kull membru ġdid id-dħul tiegħu, u jibgħatlu kopja tar-regoli tas-Soċjeta';
g) Huwa għandu jżomm il-Lista tal-Membri tas-Soċjeta' li fiha jikteb l-ismijiet u l-indirizzi tal-membri u d-data tad-dħul tagħhom.

L-assistent Segretarju għandu jgħin lis-Segretarju kif ikun meħtieġ u jaqdi d-dmirijiet tiegħu matul in-nuqqas tiegħu.

**14. *Telf ta' jeddijiet tal-Membri tal-Kumitat –***
Kull Uffiċjal jew Membru li jkun assenti mingħajr ġustifikazzjoni matul tliet laqgħat wara xulxin tal-Kumitat għandu jitqies li rriżenja u sostitut għandu jinħatar minnufih.

**15. *Laqgħat –***
Il-President għandu jiffissa l-jum u l-ħin tal-laqgħat kollha; huwa għandu jsejjaħ Laqgħat Ġenerali kull meta huwa jiġi mitlub bil-kitba minn għaxar membri tas-Soċjeta' jew minn ħames membri tal-Kumitat ta' Tmexxija li għandom jgħidu l-għan tat-talba għal-din il-laqgħa.

Il-President m'għandux jilqa' din it-talba jekk l-istess ma tkunx maħsuba biex tmexxi 'l quddiem l-interessi soċjali.

**16. *Il-Quorum –***
Waqt Laqgħat Ġenerali quorum ta' għaxar membri huwa meħtieġ, li għallinqas tlieta jkunu membri tal-Kumitat, u ħames

[3] Jiġifieri jżomm rendikont

membri biex jiffurmaw quorum ikunu meħtieġa għal-Laqgħat tal-Kumitat.

Jekk laqgħa ma ssirx minħabba nuqqas ta' quorum imsemmi hawn fuq, it-tieni laqgħa biex isir ix-xogħol trid tinżamm ikun xi jkun in-numru ta' dawk preżenti.

**17. *Rappreżentazzjoni* –**
Il-President, it-Teżorier jew Segretarju skond il-każ, għandhom jirrappreżentaw lis-Soċjeta' f'kull proċedura legali jew att, bl-eċċezzjoni tal-kontenut ta' l-Artiklu 12.

18. Ir-regolamenti preżenti jidħlu fis-seħħ fil-jum tal-qbil tagħhom.

–

Maqbula fil-Laqgħa Ġenerali miżmuma filt-22 ta' Lulju 1927.

Carm. Cauchi Gera
Segretarju Onor.

# Aħbarijiet

### 136 khz

Għad li din il-frekwenza għadna ma rnexxilniex niksbuha, xorta waħda għadna qed naħdmu biex ningħataw permess biex inkunu nistgħu nużawha.

Madankollu, aktarx li din ikollna nistennew deċiżjoni mill-Konferenza Dinjija tar-Radju tas-sena 2007 fejn hemm proposta biex din il-frekwenza tingħata lid-dilettanti tar-radju kollha madwar id-dinja.

Jiddispjaċina li ma nistgħux inkunu fost dawk li diġa' ħadu din il-frekwenza u qiegħdin jagħmlu passi ta' ġgant fil-metodi u fl-iżviluppi fil-metodi ta' komunikazzjoni fuqha.

Huwa għajb li f'Malta aktarx inkunu l-aħħar jew fost l-aħħar li ningħataw dak li ħaddieħor ikun ilu snin li ngħata, u ma nistgħux inkunu fost l-ewwel nies li jagħmlu żviluppi ġodda.

### 500 khz

Anki din il-frekwenza għadna ma rnexxilniex niksbuha, imma bħall-136 khz għadna qed naħdmu biex jekk jista' jkun inkunu nistgħu nużawha.

Dak li għidna dwar il-136 khz jgħodd ukoll għal din il-frekwenza.

### 5Mhz

Din il-frekwenza wkoll għadna qed nippruvaw niksbuha.

Madankollu, dak li għidna għall-136 khz u l-500 khz jgħodd ukoll għal din il-frekwenza.

### 70Mhz

L-ewwel nett tajjeb li ngħidu li aħna qed nitolbu biex id-dilettanti tar-radju Maltin ikunu jistgħu jużaw il-frekwenzi bejn is-70 Mhz u 70.5 Mhz.

Din il-frekwenza ilha li ngħatat lid-dilettanti tar-radju f'ċerti pajjiżi snin twal, waqt li fl-aħħar snin ingħatat lid-dilettanti tar-radju f'diversi pajjiżi oħra fl-Ewropa, anki pajjiżi ta' l-ex Unjoni Sovjetika, biex ma nsemmux pajjiżi f'kontinenti oħra.

Għalissa jidher li ma tantx hemm ċans li ningħataw din il-frekwenza għaliex skond il-pjan nazzjonali tal-frekwenzi, frekwenzi bejn 68 Mhz u 74.8 Mhz huma riservati għall-użu tal-Gvern. Tinsewx li aħna qed nitolbu parti żgħira ħafna ta' 500 khz biss.

Aħna ma nistgħux nifhmu r-raġunar biex ma ningħatawx din il-frekwenza kif għandhom dilettanti tar-radju f'pajjiżi oħra, li aktarx ġej mill-biża li d-dilettanti tar-radju jisimhu xi komunikazzjonijiet li jkunu għaddejja.

Għandkom tkunu tafu li fil-pajjiżi ta' l-ex Unjoni Sovjetika, frekwenzi bejn is-66 Mhz u l-75 Mhz jintużaw minn stazzjonijiet tax-xandir tar-radju FM minflok frekwenzi bejn is-88 Mhz u l-108 Mhz.

Għaldaqstant, kull min ikollu radju biex jirċievi l-istazzjonijiet tax-xandir FM mill-pajjiżi ta' l-Ewropa tal-Lvant jista' jisma wkoll kull komunikazzjoni fuq dawn il-frekwenzi.

Infakkrukom wkoll li ħadd ma jaf kemm hawn nies li għandhom radjijiet biex jissemmgħu fuq liema frekwenza jridu mingħajr ħadd ma jaf bihom.

M'għandniex dubju li d-dilettanti tar-radju huma nies risponsabbli magħrufa mill-awtoritajiet, u m'għandniex dubju wkoll li jekk kumbinazzjoni jisimgħu xi ħaġa mhux se jikxfuha.

Taħsbu li min irid jagħmel xi ħaġa ħażina joqgħod japplika għal-liċenzja ta' dilettant tar-radju biex l-awtoritajiet ikunu jafu bih?

M'għandniex dubju wkoll li l-awtoritajiet jafu wkoll li llum hemm mezzi biex il-kliem jitħawwad jekk iridu li l-komunikazzjonijiet tagħhom ma jinftehmux minn min jinzerta jismagħhom.

Huwa għalhekk li ma nistgħux nifhmu r-raġunar u l-biża ta' l-awtoritajiet Maltin li ma jridux jagħtuna din il-frekwenza biex inkunu bħal dilettanti tar-radju f'pajjiżi oħra.

Meta l-awtoritajiet Maltin se jibdlu l-mentalita' antikwata tagħhom li ma tgħoddx għal-lum u jitgħallmu jħajjru l-iżvilupp f'kull qasam bħal ma jsir f'kull pajjiż ieħor minflok ma jagħmlu kull ostaklu immaġinabbli lil kull min irid ikun fuq quddiem fl-iżviluppi dinjija fil-qasam tiegħu?

Ħalli issa nuri kif dilettant tar-radju Malti jista' jittrasmetti u jissemma fuq il-frekwenza tas-70 Mhz mingħajr ma' l-awtoritajiet Maltin ikunu jistgħu jagħmlu xejn biex iwaqqfuh.

Dan jista' jagħmlu billi jġib, bħala eżempju, liċenzja Ingliża, jixtru dgħajsa u jirreġistraha l-Ingliterra. B'hekk tkun meqjusa li tkun dgħajsa Ingliża u xorta jkun jista jzommha hawn Malta.

Meta jrid joħroġ bid-dgħajsa u jista' jissemma u jittrasmetti kemm irid għaliex din il-frekwenza jistgħu jużawha d-dilettanti tar-radju li jkollhom liċenzja Ingliża u huwa jkollu liċenzja Ingliża u dgħajsa Ingliża.

Eżempju ieħor huwa li persuna tkun fuq vapur barrani li ma jkunx reġistrat f'Malta fejn ikun jista' jissemma fuq kull frekwenza anki meta l-vapur ikun fil-port.

Taħsbu li l-awtoritajiet jindunaw kemm bir-raġunar u l-biża mingħajr sisien tagħhom qiegħdin iżommu lid-dilettanti tar-radju Maltin lura milli jkunu fuq quddiem fl-iżviluppi internazzjonali?

Lawrence
9H1AV/9H9MHR

## Għall-Istorja

Aktar qabel konna ġibna artiklu dwar l-iżviluppi li saru u għadhom qed isiru minn dilettanti tar-radju Maltin fuq l-10 Ghz. Dan għamilnieh biex dawn l-affarijiet jibqgħu mniżżla fl-istorja u ma jintilfux.

Tinsewx li konna għidnilkom ukoll li min ikun għamel xi ħaġa ġdida, ħadem xi stazzjon fuq xi frekwenza għall-ewwel darba minn Malta, jew ivvinta xi ħaġa jgħidilna biex niktbuha ħalli tibqa' mniżżla.

Jiena se nerġa' nagħti lista ta' stazzjonijiet li kont ħdimt fuq il-160 metru liema lista kienet dehret fil-fuljett tal-MARL edizzjoni Diċembru 1983-Frar 1984.

Din il-lista turi numru ta' stazzjonijiet minn pajjiżi differenti li kien l-ewwel darba li qatt kien hemm xi stazzjon minn Malta li kkomunika magħhom fuq il-160 metru.

Ngħid is-sewwa meta qbadt il-fuljett ta' dak iż-żmien ħadt qatgħa għax indunajt li kienu għaddew aktar minn 30 sena mill-ewwel kuntatti li jidhru fil-lista. Lanqas temmen kif itir iż-żmien mingħajr lanqas tinduna.

Nittama li nibda nirċievi listi bħalha għal kull frekwenza u modi ta' trasmissjoni minn dilettanti tar-radju Maltin ħalli kollox jibqa' mniżżel għall-istorja.

Fejn il-QSO's mhux immarkati huma CW u fejn immarkati huma SSB.

| | |
|---|---|
| 19.11.1975 | OK3KFF |
| 19.11.1976 | DK2QL |
| 21.11.1975 | OE5NT |
| 21.11.1976 | HB9AQA |

| | |
|---|---|
| 11.01.1976 | GD4BEG |
| 14.01.1976 | 5B4YK |
| 17.01.1976 | GW4AEC |
| 17.01.1977 | OH1SJ |
| 24.01.1976 | PA0HIP |
| 25.01.1976 | G4BUE |

| | |
|---|---|
| 07.02.1976 | K1PBW |
| 08.02.1976 | GM3YCB |
| 08.02.1977 | K1PBW (SSB) |
| 08.02.1976 | EA8CR (SSB) |
| 08.02.1976 | W8LRL |
| 08.02.1976 | W2DEO0 |
| 10.02.1976 | OH0NI (SSB) |
| 14.02.1976 | W3GMV |
| 14.02.1976 | W4BRB |
| 22.02.1976 | W1HGT |
| 28.02.1976 | AC9SZR/3 |

| | |
|---|---|
| 14.03.1976 | PY1RO |
| 20.03.1976 | W6BYB/VE1 |
| 21.03.1976 | ZB2CY |

| | |
|---|---|
| 10.04.1976 | VE1MX/XJ1 |

| | |
|---|---|
| 06.11.1976 | ZC4IO |
| 10.11.1976 | GI3JEX |
| 27.11.1976 | 9D5A (Iran) |
| 28.11.1976 | HB0AZD |

| | |
|---|---|
| 19.12.1976 | YT9A (Jugoslavja) |
| 19.12.1976 | I4AMO |
| 22.12.1976 | JA3ONB |

| | |
|---|---|
| 26.11.1977 | YU1BCD |
| 26.11.1977 | F9RM |

| | |
|---|---|
| 16.12.1978 | JA5DQH |

| | |
|---|---|
| 27.01.1979 | SP3DOI |
| 27.01.1979 | 4X4NJ |
| 28.01.1979 | W8LRL |
| 28.01.1979 | W9NI |

| | |
|---|---|
| 25.10.1980 | RB5GPM |
| 25.10.1980 | UK5IGO |
| 25.10.1980 | EA5HM |
| 20.11.1980 | UA6YAO |
| 20.11.1980 | UK2PCH |
| 24.11.1982 | UQ2GII |
| 24.11.1982 | UB5SBI |
| 24.11.1982 | 5N8ARY (CW/SSB) |
| 25.11.1982 | HZ1AB |
| 26.11.1982 | SM6EHY |
| 27.11.1982 | EW6V (via UK2PCR) |
| 28.11.1982 | LZ1KDF |
| 28.11.1982 | RG6G |

Irrid nagħmel korrezzjoni għaliex meta erġajt rajt il-logbook sibt li kont kellimt lil LZ1CL fis-26.11.1982, jumejn qabel LZ1KDF.

Irrid inżid ukoll

| | |
|---|---|
| 04.03.1984 | FC8TT |

Lawrence 9H1AV/9H9MHR

## Għaqdiet tad-Dilettanti tar-Radju Barranin

Illum se nkomplu nagħtukom il-lista ta' għaqdiet tad-dilettanti tar-radju barranin li qiegħdin f'Reġjun 1. Nittamaw li dawn qiegħdin issibuhom siewja.

BFRR BELARUS FEDERATION OF RADIOAMATEURS AND RADIOSPORTSMEN<br>
P O Box 469, Minsk 220050, Belarus.<br>
Telefon: +375 17 289 3045<br>
Fax: +375 17 289 3045<br>
Email: eu1sa@solo.by<br>
Paġnba Internet: http://www.www.bfrr.net<br>
President: Vladimir V Sidorov, EU1SA<br>
Segretarju: Raissa V Volkova EU1YL<br>
Kuntatt IARU: President

CARS CYPRUS AMATEUR RADIO SOCIETY<br>
P.O. Box 51267, Limassol 3053, Ċipru<br>
Telefon: +357 22 435 114<br>
Fax: +357 22 433 416<br>
E-mail: ssltd@spidernet.com.cy<br>
Paġna Internet: http://cyhams.org<br>
President: Aris Kaponides, 5B4JE<br>
Secretarju: Spyros Stavrinides, 5B4MF<br>
Kuntatt IARU: Segretarju

CRAM CLUB DES RADIOAMATEURS ET AFFILIES DU MALI
Address: BP 855, BAMAKO, MALI
Tel/Fax: (+223) 227 21 14 (+223) 220 35 05
Telefon ċellulari: (+223) 672 64 69; (+223) 673 75 58
Paġna Internet: Bħalissa m'ghandhomx
President & IARU Liaison: Hamadoun YATTARA, TZ6HY
Segretarju/Koordinatur: Amadou Madany TALL, TZ6AMT E-Mail: madany@teliman.net ; tz6hy@teliman.net ; tz6hy@baramail.com

CRC CZECH RADIO CLUB
P.O.Box 69, 11327 Praha 1, Repubblika Ċeka
Telefon: +420 2 6672 2240
Fax: +420 2 6672 2242
E-mail: crk@crk.cz
Paġna internet: http://www.crk.cz
President: Jaromir Voles, OK1VJV
Segretarju: Petr Cepelak, OK1CMU
Kuntatt IARU: Milos Prostecky, OK1MP, Na Lazence 503, 107 00 Praha 10, Repubblika Ċeka. ok1mp@volny.cz

DARC DEUTSCHER AMATEUR RADIO CLUB P.O.
Box 1155,D-34216 Baunatal 1
Lokal: Lindenallee 6, 34225 Baunatal.
Telefon: +49 561 94988-0
Fax: +49 561 94988-50
E-mail: darc@darc.de
Paġna Internet: http://www.darc.de
President: Jochen Hindrichs, DL9KCX
Segretarju: Mrs Helga Gautsche
Kuntatt IARU: Hans H Ehlers, DF5UG, St-Egidi-Str 8a, D-82205, GILCHING, Ġermanja.
Tel: +49 8105 24381
Fax: +49 8105 776649
E-mail: df5ug@t-online.de

EARA EGYPT-AMATEURS RADIO ASSEMBLY P.O. Box 78, Heliopolis, il-Kajr 11341, Eġittu
Telefon: +20 2 273 78 24 or + 20 1 140 3322
E-mail: egyptham@isdc.net.eg
su1er@idsc.net.eg
Paġna Internet: http://www.qsl.net/egyptham
President: Ezzat Sayed Ramadan SU1ER
e-mail: ezzat-sayed@menanet.net
Tel: +20 2 273 7824
Vice-President: Greiss Sobhi, SU1GS
e-mail su1gs@hotmail.com
Tel: +20 2 344 6827
IARU Liaison: President

EARS ETHIOPIAN AMATEUR RADIO SOCIETY
P.O. BOX 60258, ADDIS ABABA, ETJOPJA
Viċi President fil-ħatra: Sid May, ET3SID
Segretarju: Menbere Belete M1DYH
Telefon: + 251 1 566 647
E-mail: et3aa@hotmail.com or deribe@hotmail.com
Kuntatt IARU: President fil-ħatra
sid_may@hotmail.com

EDR EXPERIMENTERENDE DANSKE RADIOAMATOERER
Klokkestobervej 11, DK-5230 Odense M, Danimarka.
Telefon: +45 66 15 65 11
Fax: +45 66 15 65 98
E-mail: kontor@edr.dk
Paġna Internet: http://www.edr.dk
President: Sven Lundbech, OZ7S
E-mail: oz7s@edr.dk
Viċi-President: Martin Mertensen, OZ3MC
Segretarju: Johannes Sørensen, OZ2KS
Kuntatt IARU: President

ERAU ESTONIAN RADIOAMATEURS UNION
P.O.Box 125, Tallinn 10502 Estonja.
Telefon: +372 53 909 190
Email: erau@erau.ee
Paġna Internet: http://www.erau.ee
President: Arvo Pihl, ES5MC
Viċi President: Tonu Elhi, ES1DW
Kuntatt IARU: President tel: +372 50 94900
es5mc@erau.mc

FRA FOROYSKIR RADIOAMATORAR
P.O.Box 184, FO-110, Torshavn, Faroe Is.
Telephone: +298 1 644
President: Jan Egholm, OY3JE
Kuntatt IARU: Arne Juul Arnskov,OY1A, Lauritsargota 11A, FO-100 Torshavn, Gżejjer Faroe Telefon: +298 31 1740
saja@post.olivant.fo

FRR FEDERATIA ROMANA DE RADIOAMATORISM
P.O. Box 22-50,RO-014780 Bucharest.
Telefon/Fax: +40 21 315 5575
E-mail: yo3kaa@allnet.ro
Paġna Internet: http://www.qsl.net/yo3kaa
President: Vasile Oceanu, YO3NL
Secretary: Vasile Ciobanita, YO3APG.
Kuntatt IARU: Segretarju

FRRA FEDERATION OF RADIOSPORT OF THE REPUBLIC OF ARMENIA
87 Arshakuniats Ave, 375007 Yerevan, Armenia
Telefon/Fax: +3741 565 616
E-mail: ek6gb@mfa.am
President: George Badalian, EK6GB

GARS GHANA AMATEUR RADIO SOCIETY
PO Box 3936, Accra. Ghana
Telefon: +233 21 712211
President: Kofi Jackson, 9G1AJ
Segretarju: Samir Nassar, 9G1NS

GARS GIBRALTAR AMATEUR RADIO SOCIETY
Address: P O Box 292
30/6 Coaling Island Gibraltar
Lokal: 3 Hargreaves Court, Gibraltar.
E-mail: zb2if@gibnet.gi
Paġna Internet: http://www.gibnet.com/gars
President: Alan Guerrero, ZB2IF
Segretarju Jim Watt, ZB2JW
Teżorier: Louis Payas, ZB2IT
Telefon: +350 79808 or 75452
Fax: +350 75452
Kuntatt IARU: President

HRS HRVATSKI RADIOAMATERSKI SAVEZ
Dalmatinska 12, HR-10 000 Zagreb Kroazja.
Telefon: +385 1 48 48 759
Fax: +385 1 48 48 763
E-mail: 9a0hrs@hamradio.hr
http://www.hamradio.hr
President: Petar Milicic, 9A6A
pmilicic@kbc-zagreb.hr
Segretarju: Vladimir Severinac, 9A6ISV
Kuntatt IARU: Zeljko Ulip, 9A2EY

IARC ISRAEL AMATEUR RADIO CLUB
Indirizz Postali: P.O. Box 17600, Tel-Aviv 61176
Lokal: 10, Meitav Street, Tel Aviv
President Onorarju & Segretarju Ingliż: Joseph Obstfeld, 4X6KJ
Viċi President & Segretarju Ebrajk: Dan Roth Telefon: +972 3 534 6049
E-mail: 4X6KJ@iarc.org
Paġna Internet: http://iarc.org
Kuntatt IARU: Joseph Obstfeld, 4X6KJ, P.O.Box 873, Kiriat-ono 55108, Israel.
E-mail: josepho@shani.net

IARS IRAQI AMATEUR RADIO SOCIETY
Ibn-Firmas Aero Club building
Al-mansur district (post temporanju)
P.O.Box 55072, Baghdad 12001, Iraq.
Telefon Satellitari: +882 166 775 0311
yi1irq@yahoo.com
President: Diya Nasir Sayah Al Asadi, YI1DZ Tel: +964 7901 931 321
yi1dz@hotmail.com
Segretarju: Karim Hadi, YI1AK
Tel: +964 1 554 3438
Kuntatt IARU: Laith Tariq Mohammed
yi3sra@gawab.com
Tel: +964 7901 984 325

IRA ISLENZKIR RADIOAMATORAR
P.O. Box 1058, IS-121 Reykjavik,
Telefon: +354 5520157
Fax: +354 525 4632
E-mail: hartor@rhi.hi.is
Paġna Internet: http://www.ira.is
Chairman: Haraldur Tordarson, TF3HP
Segretarju: Bjarni Sverrisson TF3GB
Kuntatt IARU: Kristtjan Benediktsson, TF3KB POB 8873 IS-128 Reykjavik, Iceland e-mail: tf3kb@amsat.org

IRTS IRISH RADIO TRANSMITTERS SOCIETY
P.O. Box 462, Dublin 9,
Telefon: +353 1 2821420
E-mail seandonelan@indigo.ie
Web www.irts.ie
President: Sean Donelan EI4GK
Segretarju: Noel Walsh, EI2JC
Kuntatt IARU: Dave Moore, EI4BZ

KARS KUWAIT AMATEUR RADIO SOCIETY
P.O. Box 5240, Safat 13053, Kuwait.
Lokal: Al Surra Area, Block No.2, Str. No.1 Substr. No.12, House No.2
Telefon: +965 5333762
Fax: +965 5311188
E-mail: 9k2ra@kars.org
Paġna Internet: http://www.kars.org
President: Dr Abdul Rahman Al-Awadi, 9K2FF
Segretarju: Faysal Nahar Al-Ajajami 9K2RR
IARU liaison: Mohamed Al-Holi, 9K2DR

LARS LESOTHO AMATEUR RADIO SOCIETY
P.O. Box 4307, Maseru 104, Lesotho,
Telefon: +266 630 17917
Fax: +266 223 10358
E-mail: 7p8ms-martin@adelfang.co.ls
Paġna Internet: http://www.qsl.net\7p8ms

Segretarju: Martin Stockdale 7P8MS
President: Leon Tromp e-mail
lst@telkomsa.net

LRAA LIBERIA RADIO AMATEUR ASSOCIATION
285 St Marks Place, Apt 4-D, Staten Island, NY 10301, USA
President:
Segretarju: Fr Joe Brown, EL2FM.
Telefon: +1 718 442 1795
Fax: +1 718 987 6541
E-mail: el2ba@aol.com
Kuntatt IARU: H.Walcott Benjamin, EL2BA

LRAL LATVIJAS RADIOAMATIERU LIGA
P.O.Box 164, Riga, Latvja, LV-1010
Telefon: +371 797 1123
Fax: +371 797 1721
E-mail: lral@lral.lv
Paġna Internet: http://www.lral.lv
President: Maris Pauders
Chair of Bord: Janis Oskars Vanags, YL3AD
Segretarju: Andris Brunenieks, YL2FD
Kuntatt IARU: Chair of Board
YL3AD@lral.lv

LREM LIGA DOS RADIO EMISSORES DE MOCAMBIQUE
PO Box 25, Maputo, Mozambique
Telefon: +258 1 30 41 07
President: Anselmo Ferrao, C91D
Segretarju: Silvano Fabbri, C91A
Kuntatt IARU: President

LRMD LIETUVOS RADIJO MEGEJU DRAUGIJA
PO Box 1000, Vilnius 2001, Litwanja
Telefon/fax: +370-5-2709029
E-mail: lrmd@qsl.net
Paġna Internet: http://www.lrmd.org
Chairman: Gintautas Seporaitis, LY2GV
Segretarju: Antanas Zdramys LY1DL
Kuntatt IARU: Segretarju

LRT LIGA RADIOLJUBITELY TURKMENISTANA
P.O.Box 555, Ashgabat 744020, Turkmenistan
Telefon: +993 12 460 600
E-mail: lrt@rambler.ru
Chairman: Berdy Tuhtarbekovich, EZ8AI
Segretarju: Vladimir Zinevich, EZ8BP
Indirizz (QSL bureau) P.O Box 1, Ashgabat 744007

MARL MALTA AMATEUR RADIO LEAGUE
P.O.Box 575, Valletta, CMR 01, Malta.
Telefon: +356 214 23608 (HQ)
E-mail: info@9h1mrl.cjb.net (HQ)
iprivitera@global.net.mt (9H1PI)
Paġna Internet: http://www.9h1mrl.cjb.net
President: George Debono, 9H1AT
Segretarju: Ivan Privitera, 9H1PI
Tel: +356 794 37808 20 "Aurora", Normandy Road, Pembroke, STJ 14 Malta
Kuntatt IARU - Segretarju

MARS MAURITIUS AMATEUR RADIO SOCIETY
P.O.Box 104, Quatre-Bornes, Mauritius.
President: Patrick Randamy, 3B8GF
Segretarju: Seewoosankar Mandary, 3B8CF
E-mail: 3b8cf@intnet.mu
Paġna Internet: http://www.qsl.net.mars
Kuntatt IARU: Segretarju, 6 Shastri Rd, Candos, Quatre-Bornes.
Tel/Fax: +230 424 5866.

MRASZ HUNGARIAN RADIO AMATEUR SOCIETY
P.O.Box 11, Budapest 1400, Ungerija
Telefon: +36 1 321-5507
Fax: +36 1 321-5509
E-mail: mrasz@mrasz.axelero.net
Paġna Internet: http://www.mrasz.hu
President: Laszlo Berzsenyi, HA5EA
Viċi-Presidenti: Laszlo Dallos, HA7PL, Gyula Felber, HA1TJ,
Gyula Huller, HA2VR
Kuntatt IARU: President
laszlo.berzsenyi@ihm.gov.hu

## Ħarsien għall-konnessjonijiet

Waħda mill-problemi għal min jagħmel xi antenna hija li jħares il-konnessjonijiet bejn l-antenna u l-fil koassjali.

Jekk wieħed jaħseb ftit jinduna li din mhix problema kbira, imma hija xi ħaġa li bi ftit ħsieb u bi ftit ċenteżmi tista' tiġi rranġata.

Kull ma rridu biex insolvu din il-problema hija kaxxa tal-plastik ta' 3 pulzieri bi 3 pulzieri minn dawk li jintużaw għall-affarijiet ta' l-elettriku.

Irridu wkoll għatu għaliha u viti, kolla tal-plastik, u żewġ bicciet pajp tal-kondjuwit tal-plastik ta' 18-il millimetru.

Ejja ngħidu li sejrin nagħmlu dipole għat-80 metru fuq il-parti tas-cw. Bil-formola 234/FMhz nsibu li għall-frekwenza ta' 3.545 irridu tul ta' 66 pied għal kull naħa.

Ejja ngħidu li nużaw fil ta 2.5 mm. Naqtgħu żewġ tulijiet ta' 66 pied u f'tarf ta' kull wieħed minnhom niġbdu l-isolazzjoni biex tkun itwal mil-fil tar-ramm.

Imbagħad nagħmlu ftit kolla li twaħħal il-plastik ħalli b'hekk ikun issiġillat u ma jidħolx ilma.

Naqtgħu żewġ tulijiet minn pajp tal-kondjuwit ta' 18-il millimetru li jkunu ftit akbar mit-tul tal-kaxxa.

Issa naqbdu l-kaxxa u ntajjru erba' minn dawk it-toqob faċċata ta' xulxin. F'dawn it-toqob jidħlu l-pajpijiet tal-kondjuwit ta' 18-il millimetru. Fit-tpinġija dawn huma mmarkati b'linji maqtuha, wieħed bl-aħmar u l-ieħor bil-blu.

Fil-kondjuwit immarkat blu li jiġi n-naħa t'isfel tal-kaxxa taqqab żewġ toqob kemm jgħaddi l-fil ta' l-antenna li meta twaħħal il-kondjuwit jiġu fuq ġewwa tal-kaxxa, jiġifieri in-naħa ta' fuq fit-tpinġija lejn in-nofs tal-kaxxa ħalli ma jidħolx ilma minn mal-fil.

Issa daħħal il-kondjuwit wieħed wieħed. Jekk il-kaxxa jkollha erba toqob tal-viti tkun trid issaħħan il-kondjuwit għaliex il-parti fejn jidħlu l-viti tiġi bejn it-toqob. Meta ssaħħan il-pajp tkun tista' tgħawwġu ftit biex jidħol fit-toqob.

Aktarx li t-toqob ikunu ftit laxki, u jekk ikun hekk saħħan ftit it-tarf tal-kondjuwit u iftħu biex jissikka mat-toqob.

Meta tkun għamilt hekk liż-żewġ pajpijiet tal-kondjuwit għamillhom il-kolla li twaħħal il-plastik fuq ġewwa u fuq barra ħalli jsiru ħaġa waħda u jissiġillaw ukoll.

Issa jmiss li nibdew ngħaddu l-fili ta' l-antenna għal ġewwa l-kaxxa ħalli nkunu nistgħu nqabbduhom mal-fil koassjali.

Toqob tal-viti



Kondjuwit 18mm Toqba għall-fil koassjali

Aqbad il-fili u daħħalhom mit-toqob li tkun taqqabt qabel fil-pajp tal-kondjuwit, agħtihom dawra b'mod li tagħmel għoqda ħalli ma jinġibidx 'il barra.




Kaxxa. Toqob għall-fili ta' l-antenna immarkati X.

Taqqab toqba fil-kaxxa li tiġi isfel minn fejn se jidħol il-fil koassjali. Din tista' ttaqabha qabel, u naħseb li jkun aħjar li tagħmel hekk, u trid issir fin-nofs ta' fejn normalment jgħaddu l-viti.

Din it-toqba trid tkun kemm jgħaddi l-fil koassjali u l-fil irid jgħaddi minn bejn il-kondjuwit li minnu daħħalna l-fili ta' l-Antenna u l-kaxxa. Hemm wisa' biżżejjed biex fil koassjali RG52 jgħaddi tajjeb.

Ibqa' tiela minn wara l-kondjuwit ta' fuq tal-kaxxa u dawwar il-fil koassjali mal-kondjuwit ta' fuq u isfel. Tista' tagħmel rabta bi spaga jew xi ħaġa'oħra biex il-fil koassjali ma jkunx jista' jinġibed.

Waħħal il-fili ta' l-antenna mal-fil koassjali jew b'konnetturi tal-plastik jew l-aħjar billi tissaldjahom.

Biex tħaris il-konnessjonijiet u l-fili tista' jew tidlikhom bil-vaselina jew inkella billi tiksihom b'xi kolla ħalli ma jkunx jista' jidħol xi ilma jew kondensazzjoni fil-fili. Tista' tuża anki l-kolla tal-plastik biex tissiġillahom.

Issa tista' tagħlaq il-kaxxa billi tinvita l-għatu bil-viti fil-ġenb tal-kaxxa, imma qabel dellek il-viti bi ftit griż ħalli tkun tista tħollhom meta tkun teħtieġ.

Għaddi fil tan-najlon jew xi ħaġa'oħra li biha trid iddendel il-kaxxa mill-kondjuwit tan-naħa ta' fuq tal-kaxxa. Jekk trid tista' tgħaddih ukoll mill-kondjuwit min-naħa t'isfel ukoll u ssallbu ħalli anki jekk il-kaxxa tinkiser, l-antenna tibqa' mdendla.

Jekk trid tista' tiżboħ il-kaxxa ħalli jkollok ħarsien kontra r-raġġi ultra vjola li biż-żmien għandhom xeħta li jeqirdu l-plastik.

L-għatu tal-kaxxa jħares il-konnessjonijiet minn xita diretta, imma ma jissiġillax għal kollox. Jista' jċarċar xi ftit ilma għal ġewwa, imma dan jiskula min-naħa t'isfel tal-kaxxa. Jekk trid tista' tissiġilla l-kaxxa, imma trid tagħmel toqba żgħira in-naħa t'isfel tal-kaxxa biex il-kondensazzjoni tkun tista' tinxef.

Nittama li issa ħadd ma jkollu skuża biex jagħmel antenni huwa stess.

Lawrence 9H1AV/9H9MHR

## Għerf

**-Albert Einstein, meta mistoqsi biex ifisser ir-radju wieġeb:**

**"Ara, telegrafu tal-fil huwa speċi ta' qattus twil, twil ħafna. Inti tiġbidlu denbu fi New York u rasu tnewwaħ f'Los Anġelis. Din fhimtha? U r-radju jaħdem eżattament bl-istess mod: inti tibgħat sinjali hawnhekk, huma jirċevuhom hemmhekk. L-unika differenza hija li m'hemmx qattus."**

## Attivitajiet fil-MARL

**Laqgħa Soċjali tas-Sena**
**Il-Kumitat jixtieq jinforma lill-membri li l-laqgħa soċjali ta' kull sena se ssir fiċ-ċentru tal-MARL nhar il-Ħadd 8 ta' Jannar 2006. Ikun hemm ukoll ikel u xorb.**

**Miżata tas-Sħubija**
**Il-ħlas tas-sħubija għas-sena 2006 beda. Is-Segretarju Finanzjarju sejjer ikun qiegħed jistennikom biex iddaħħlu idejkom fil-but fil-fond ħalli tħallsu l-miżata tas-sħubija tagħkom.**

**Laqgħa Ġenerali Annwali**
**Il-Kumitat jixtieq jinfurma wkoll lill-membri li l-Laqgħa Ġenerali Annwali se tinżamm nhar il-Ħadd 26 ta' Frar 2006.**

**Narawkom.**



**IL-FESTI T-TAJBA**